MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

# Familja

## Ħarifa 2018




*Bejn Ottubru u Novembru se jkun inawgurat il-One-Stop Shop fil-Floriana biex il-pubbliku jkun jista' jinqeda aħjar b'diversi servizzi iżda minn centru wieħed. Il-binja tinsab f'sit konvenjenti ħafna viċin il-Park & Ride. Ċentru Servizz Familja, kif se jkun l-isem tal-One-Stop Shop, sar b'investiment ta' madwar nofs miljun Ewro*

Rapport f'paġni 18 u 19




*Imniedi servizz elettroniku ġdid tal-iStrateġija ta' Komunikazzjoni*

Rapport f'paġni 8 u 9

familja.media@gov.mt

*Tmiem il-karriera ta' Josephine Vella wara 42 sena servizz fid-Dipartiment*

Rapport f'paġna 3



*Għall-ewwel darba, organizzata Konferenza Nazzjonali dwar il-Familja*

Rapport f'paġna 20

Ħarġa 03

# Ħajr : Qarrejja u Kontributuri




**D**in il-pubblikazzjoni setgħet tkun possibbli grazzi għal diversi kontributuri li ħadmu magħna fil-passat, kif ukoll oħrajn ġodda li qed jingħaqdu magħna. Dan bil-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità tkompli tissaħħaħ. Grazzi tmur ukoll lilkom il-qarrejja tal-kummenti pożittivi li bgħattulna f'dawn l-aħħar ġimgħat wara l-ewwel ħarġiet ta' dan il-magażin ġdid, 'Familja'.

**Is-Sur Mark Musù**

- *Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

**Is-Sur Anton Cesare**

- *Direttur tas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija MFCS*

**Is-Sur George Zammit**

- *Lajk u Missier ta' Familja*

**Is-Sur Ronald Zaffarese**

- *Koordinatur tal-Anzjanità Attiva SVP*

**Is-Sur Vincent Tonna**

- *Senior Social Worker u Edukatur*

**Is-Sur Tony Micallef**

- *Koordinatur PR Ċentru tat-Trasfużjoni tad-Demm*

**Is-Sur Alex Gobey**

- *Koordinatur tas-Servizz tal-Kura tad-Dementia AACCD*

**Is-Sinjorina Josephine Vella**

- *42 sena taħdem fid-Dipartiment fi ħdan l-MFCS*

**Is-Sinjura Remenda Grech**

- *Operations Manager, Aġenzija Appoġġ*

**Is-Sinjura Maria Mangion**

- *Service Area Leader, Domestic Violence Services, Appoġġ*

**Is-Sinjura Doris Zammit**

- *Xandara Veterana*

**Is-Sinjura Mary Grace Cassar**

- *Kriminoloġistá, Occupational Therapist*

**Is-Sinjura M'Christine Agius**

- *Impjegata fir-Residenza San Vinċenz de Paule*

**Is-Sinjura Sandra Jackson**

- *Koordinatriċi għal Għawdex AACCD*

## L-Editur

'Familja' hi pubblikazzjoni ta' kull tliet xhur maħruġa mit-Taqsima 'Corporate-Wide Media & Communications' fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ fil-verżjoni *on-line* kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata, għall-impjegati fit-taqsimiet diversi ta' dan il-Ministeru, kif ukoll għall-pubbliku ġenerali.

Jekk tixtieq tibda tikteb fil-magazine 'Familja' jew għandek talent, delizzju, kollezzjonist jew tixtieq taqsam xi ġrajja / esperjenza pożittiva mal-qarrejja tagħna u jogħġbok li tkun intervistat, iktbilna u aħna nagħmlu kuntatt miegħek.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

Biex tirċievi 'Familja' issa tista' tiktbilna; ***familja.media@gov.mt*** - Tista' wkoll tikteb fl-indirizz postali; *Corporate-Wide Media & Communications, MFCS Palazzo Ferreria,* Triq l-Ordinanza, Valletta.

**Tista' tagħmel kuntatt magħna wkoll permezz tan-numru tat-telefon: 2595 3404. Grazzi.**

## L-EDITORJAL



**Tonio Bonello**
*Editur 'Familja'*
*Information & Communications Executive*
*Corporate-Wide Media & Communications MFCS*

### Imniedi familja.media@gov.mt

Bħala parti mill-proċess korporattiv tal-*brand name* il-ġdid tat-taqsima korporattiva għall-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, dan l-aħħar kien imniedi l-indirizz elettroniku l-ġdid li jġib l-istess isem, 'Familja'.

***familja.media@gov.mt*** hu l-indirizz ewlieni fejn internament, kif ukoll il-pubbliku inġenerali se jkun jista' jagħmel kuntatt magħna.

***familja.media@gov.mt*** il-vuċi tiegħek ukoll meta waqt dan il-proċess se jkomplu jkunu mnedija inizjattivi ġodda fl-istruttura korporattiva ġdida, 'Familja'. Fost dawn, il-paġna Facebook u programmi interattivi għal kull sezzjoni tas-soċjetà hekk kif tali strateġija tkun uffiċjalment approvata.

### Ċentru Servizz Familja fil-Floriana

Bejn Ottubru u Novembru 2018 mistenni jkun inawgurat il-*One Stop Shop* f'binja li f'dawn l-aħħar xhur kien qed isir fiha bidla sħiħa interna u esterna bil-għan li taqdi din il-funzjoni.

Il-binja li tinsab fil-Floriana, eżatt kantuniera biss bogħod mid-daħla tal-*Park & Ride* se tkun b'dehra moderna u mgħammra bl-aħħar teknoloġija biex taqdi l-bżonnijiet tal-pubbliku f'numru ta' servizzi li jista' jkun jinħtieġ, iżda minn ċentru wieħed.

Il-*One Stop Shop* li se jkun qed iġib l-isem ta' Ċentru Servizz Familja kien possibbli b'investiment kapitali ta' madwar nofs miljun ewro.

Tista' ssegwi rapport sħiħ dwar Ċentru Servizz Familja f'din il-ħarġa ta' 'Familja' f'paġni 18 u 19 f'intervista li aħna għamilna mas-Sur Anton Cesare, Direttur għas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija.

### Sessjonijiet ta' aġġornament għall-ġurnalisti

Matul is-sajf kienu organizzati żewġ laqgħat għall-ġurnalisti, ta' aġġornament dwar il-kitba tal-Malti.

Is-sessjonijiet li tmexxew minn Dr George Farrugia f'isem il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, kienu jittrattaw "Deċiżjonijiet—1", jiġifieri kif se tkun applikata t-tipografija u l-ortografija fil-kuntest lingwistiku Malti.

F'sessjoni oħra kienu wkoll trattati "Deċiżjonijiet—2", jiġifieri dwar kif kliem partikolari Ingliż se jkun qed jinkiteb meta wżat f'kuntest tal-lingwa Maltija.

Dan it-taħriġ kien possibbli grazzi għall-inizjattiva tas-Sur Michael Caruana, Editur "Il-Leħen", u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, bis-sehem ta' Dr George Farrugia. Is-sessjonijiet u t-taħriġ saru fil-binja tal-Istitut Kattoliku fil-Floriana. Fiż-żmien li ġej il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti se jkompli dan il-proġett ambizzjuż bid-"Deċiżjonijiet 3".

**Kellimna > familja.media@gov.mt**

*Is-sajf għoddu spiċċa u l-btajjel resqin lejn tmiemhom. Il-ġranet bdew jiqsaru, ix-xogħol jiżdied u l-ħsieb jintefa' lejn dak li rridu nagħmlu fix-xhur li ġejjin. Għalina Settembru u l-ġimgħat sa tmiem is-sena ser jkunu impenjattivi għaliex barra li nagħlqu t-tħejjijiet tal-Ministeru f'dawk li huma proposti għall-baġit li ilhom xhur sħaħ għaddejjin, nibdew naħsbu biex hekk kif inkunu nafu eżatt liema huma l-miżuri li rridu nwettqu, id-dipartimenti u l-entitajiet konċernati jibdew il-ħidma tagħhom biex mill-bidu tas-sena l-ġdida l-benefiċċjarji tal-miżuri kemm jista' jkun jibdew igawdu l-frott tagħhom malajr.*

# Il-ħidma tal-Ministeru



**Mark Musú**
*Segretarju Permanenti*
*Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

Fil-ħarġa tas-sajf ta' 'Familja' kont tajt ħarsa lejn dawk il-passi li nieħdu biex insawru u nressqu l-proposti tal-Ministeru għall-baġit.

F'dawn l-aħħar xhur saru diversi konsultazzjonijiet u laqgħat biex niflu l-kontenut u nkejlu l-ispiża ta' kull proposta li ressaqna kif ukoll biex infittxu kif ngħinu mill-ahjar li nistgħu dawk l-aktar fil-bżonn, speċjalment pensjonanti, familji bi dħul baxx u medju, anzjani u persuni b'diżabilità.

Wżinna wkoll miżuri oħra li jirrikjedu nfieq kapitali biex isiru proġetti b'risq l-anzjani, persuni b'diżabilità u tfal bi problemi fl-imġieba tagħhom.

Il-qofol ta' dawn il-konsultazzjonijiet jintlaħaq fil-ġimgħat li ġejjin meta fil-qafas tal-ispiża ġenerali li l-pajjiż ikun jifla\u0127 għaliha fis-sena l-ġdida u skont il-prijoritajiet u l-wegħdi elettorali tal-Gvern, jiġu deċiżi liema ser ikunu l-miżuri u l-proġetti li kull ministeru ser ikollu xi jwettaq.

Fil-kitba tiegħi fil-ħarġa tas-sajf kont semmejt kemm ikunu ta' siwi fil-ħidma tagħna r-rapporti li joħorġu mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u mill-Eurostat.

Għalina qishom bħal riżultat ta' eżami għaliex jgħinuna nagħrfu mhux biss il-progress miksub iżda wkoll fejn nistgħu nitfgħu aktar il-piż tagħna biex inkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja ta' diversi oqsma tas-soċjetà permezz tas-servizzi soċjali.

Fost dawn ir-rapporti hemm dawk li jitfgħu dawl fuq ix-xejriet dwar persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol u fuq dawk li jinsabu fid-dinja tax-xogħol, u kemm bejn wieħed u ieħor jaqilgħu diversi kategoriji ta' ħaddiema.

Rapporti oħra jagħtu ħjiel tar-rata tal-inflazzjoni minn xahar għal ieħor u x'ikunu dawk il-fatturi li qed jinfluwenzawha.

Din ir-rata tkun il-bażi tal-kalkolu li jsir biex jiġi stabbilit l-aġġustament fil-pagi ta' kull sena għall-għoli tal-ħajja.

Iżda, fid-dawl tal-ġlieda kontra l-faqar u tal-ħerqa biex kemm jista' jkun innaqqsuh, l-aktar rapporti siewja huma dawk li jkejlu l-faqar u l-esklużjoni soċjali għaliex jitfgħu l-lenti fuq dawk l-oqsma tas-soċjetà bl-aktar htieġa ta' għajnuna.

Wieħed minn dawn ir-rapporti huwa dak dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (SILC) li ħareġ propju fl-aħħar ta' Lulju mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO).

Meta nitkellmu dwar faqar f'pajjiżna nkunu qed nirreferu l-aktar għal żewġ aspetti ta' faqar; l-ewwel dak relattiv li jkejjel min l-aktar fis-soċjetà jkollu dħul u riżorsi anqas minn 60% tal-medjan tal-popolazzjoni, u t-tieni, min ikun iħossu mċaħħad materjalment mill-aktar affarijiet bażiċi u essenzjali.

**Ikompli >**

## Il-Baġit... U kif dan jaffettwa l-kwalità tal-ħajja tan-nies

Ir-rapport tal-NSO ikun imsejjes fuq tagħrif miġbur fi stħarriġ ta' kampjun ta' 'l fuq minn 4,000 familja minn Malta u Għawdex dwar id-dħul tagħhom u kemm ikunu jifilħu jakkwistaw u jħallsu għal diversi ħwejjeg meqjusa bażiċi għall-ħajja.

Sfortunatament, l-istampa li toħroġ mill-istudju ma' tkunx aġġornata ghaliex iċ-ċifri ppubblikati jkunu bbażati fuq l-andament sentejn qabel. Bhala eżempju, ir-rapport ta' din is-sena jirrifletti l-qagħda tal-familji fl-2016. Xorta waħda, iżda, l-osservazzjonijiet li joħorġu minnu huma importanti u utli. Ir-rapport hu mibni fuq tliet elementi.

Dak dwar il-faqar relattiv li jkejjel id-dħul tal-familji f'relazzjoni mal-kumplament tal-poplu u jistabilixxi l-linja hekk imsejjħa tar-riskju ta' faqar (at risk of poverty line jew threshold).

Dan isir billi jiġi kkalkulat id-dħul medjan (60%) tad-dħul medju nazzjonali. Kull min id-dħul tiegħu, ikun taħt dik il-linja jkun jinsab f'riskju ta' faqar. Ir-rapport ta' din is-sena l-ammont ta' dħul medjan, imsejjes fuq is-sena 2016, kien ta' 8,698 ewro fis-sena għal adult wieħed. Din titqies bħala l-linja tar-riskju tal-faqar.

Biex ma titqisx f'riskju ta' faqar, koppja bla tfal irid ikollha dħul aktar minn €13,047. Id-dħul ta' familja b'2 itfal taħt l-14-il sena jrid jabeż it-€18,266. Fejn it-tfal fil-familja jkollhom aktar minn 14-il sena, d-dħul jrid jitla' aktar minn €21,745.

Element ieħor huwa dak dwar ċ-ċaħda materjali. Dan jiġi mkejjel abbażi ta' ġabra ta' mistoqsijiet li jsiru fl-istharriġ dwar kemm persuni jqisu ruhhom neqsin jew le minn ħwejjeġ bażiċi u essenzjali.

Familji li ma jistgħux ilaħħqu ma' tal-anqas 4 minn 9 indikaturi jitqiesu mċaħħda materjalment severament (*severely materially deprived*). Jekk minn 9 jkunu 3 l-affarijiet li ma jifilħux għalihom, dawn jitqiesu bħala mċaħħda materjalment. Ir-riżultat joħroġ skont it-twegibiet mogħtija għall-mistoqsijiet li jsiru fl-istudju dwar kemm persuni jkunu jifilhu li:

*-jlaħħqu ma' spejjeż li jinqalgħu għall-għarrieda;*
*-jħallsu għal btala ta' ġimgħa 'l bogħod mid-dar;*
*-jħallsu self fuq id-dar jew kera, kontijiet tad-dawl u l-ilma, u ħlasijiet bin-nifs fuq xiri u self;*
*-jieklu laħam, tiġieġ u ħut kull jumejn*
*-jsaħħnu darhom fix-xitwa*
*-kif ukoll, jekk għandhomx magna tal-ħasil, sett tat-televixin bil-kulur, telefon u karozza.*

Binarju ieħor jiffoka fuq persuni bejn it-18 u d-59 sena, ħlief studenti li qed jistudjaw f'livell terzjarju, illi jaħdmu inqas minn 8 sigħat fil-ġimgħa. Jistà jkun li għalkemm persuni ma jkunux kunsidrati li jgħixu f'riskju ta' faqar jew imċaħħda materjalment, xorta wahda jidhru fl-istatistika kemm-il darba jaħdmu anqas minn 8 sigħat fil-ġimgħa.

Dan iseħħ għaliex jista' jkun hemm persuni li jgħixu bir-renti minn fuq proprjetà jew persuni li jkunu gawdew minn xi skema ta' rtirar kmieni u jkollhom dħul adegwat li ma jkollhomx għalfejn jaħdmu.

Ir-riżultati tal-istudju tas-sena l-oħra mill-NSO juru li n-nies f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali naqas bi kważi 3,000 persuna oħra għal 82,652; biex b'hekk mill-2013 b'kollox naqsu b'16,638. L-ammont reġistrat fl-2017 kien l-anqas wieħed fi 8 snin, u f'dik li hu perċentwali – 19.2% - dan huwa l-anqas li qatt kien irreġistrat mill-NSO f'pajjiżna.

Kuntent li minn dak li ħareġ mill-aħħar rapport u dawk ta' qabel, jidher ċar li l-miżuri soċjali li qed inwettqu qed iħallu l-frott u qed iwasslu, flimkien ma' miżuri oħrajn, biex inkomplu nnaqqsu r-riskju ta' faqar, l-esklużjoni soċjali u lil dawk li iħossuhom imċaħħda materjalment.

Inhossni kunfidenti li l-miżuri tal-Bagit għas-sena d-dieħla se jkomplu jagħtu wens u għajnuna lil dawk vulnerabbli u se jgħinunha aktar fil-missjoni tagħna li nwettqu l-ġustizzja soċjali. U grazzi kbira lill-ħaddiema kollha f'dan il-Ministeru hekk kbir u importanti li bil-ħidma tagħhom qed jikkontribwixxu għal dan is-suċċess.

**Tmiem**

# Biex il-pubbliku jkun moqdi aħjar



Waqt seminar annwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà f'lukanda ewlenija fil-Qawra kienu ttrattati diversi temi kif ukoll tħabbru miżuri ġodda li ghandhom jiffaċilitaw il-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin li jkunu jinhtiegu xi servizz.

Il-kelliem ewlieni waqt din l-attività li saret fl-4 ta' Mejju kien l-Onorevoli Michael Falzon, Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali li beda biex ħabbar li minn l-għada, is-Sibt, 5 ta' Mejju, se jkunu qed jibdew jiftħu l-uffiċini kull nhar ta' Sibt. Dan biex il-pubbliku jkun moqdi aħjar.

Il-Ministru Falzon spjega kif il-Gvern se jkun qed jindirizza l-problema tal-akkomodazzjoni permezz tal-proġett imħabbar reċentement dwar il-*Housing*. Mira oħra li dwarha l-Ministeru konċernat qed jaħdem attwalment hi l-Liġi l-ġdida maħsuba biex toffri aktar protezzjoni għat-tfal.

Is-seminar imbagħad kompla b'indirizz mis-Sur Grazio Barbara, id-Direttur Ġenerali, li fi ftit kliem ta rendikont tal-ħidma li saret, partikolarment tul din l-aħħar sena. Il-kelliem spjega kif tul dan il-perjodu fil-Ministeru saru numru ta' *audits*.

Dawn, fost oħrajn saru mill-NAO, mill-IAID, kif ukoll awditjar privat assenjat mill-istess Ministeru bil-għan li jkun hemm skrutinju ħolistiku tal-funzjoni u l-operat.

Is-Sur Barbara kompla li dawn, minnhom infushom jindikaw nuqqasijiet li setgħu saru, però wkoll, jipprovdu rakkomandazzjonijiet utili biex l-istess nuqqasijiet ikunu jistgħu jitranġaw.

Fost l-oħrajn semma l-problema ta' binjiet antiki li għadhom jintużaw biex inwasslu s-servizzi lill-pubbliku li wħud minnhom għad mhux aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Fuq in-naħa l-oħra tkellem dwar il-problema li wħud minn dawn il-binjiet lanqas biss huma tal-Gvern iżda mikrija lilu minn terzi persuni.

Minkejja dan kollu, sostna d-Direttur Ġenerali, joħroġ ċar minn kull rapport li sar, li d-Distretti dejjem taw servizz tajjeb.

Fuq nota oħra, is-Sur Barbara tkellem dwar numru ta' persuni li kienu impjegati mal-*Malta Electricity Board* u li dawn issa se jieħdu l-pensjoni tat-Teżor.

Ħafna minn dawn illum saru pensjonanti u allura eliġibbli biex jithallsu kif imsemmi. Il-pagamenti dovuti se jkunu qed jitħallsu fuq perjodu ta' tliet snin.

Is-Sur Barbara ghadda wkoll biex faħħar l-inizjattiva tal-IMU fejn issa l-Ministeru għandu għad-dispożizzjoni tiegħu Intranet ġdid, kif ukoll saru *on-line*, kemm l-applikazzjonijiet kif ukoll il-*calculators*.

Meta kien qed jitkellem dwar l-attivitajiet, is-Sur Barbara fakkar fl-inizjattiva 'Pink October' u li permezz tagħha, minn fost l-impjegati nġabret is-somma ta' €700.

Semma' wkoll il-ħidma tas-Sinjuri Peter Miceli Saydon u Archibald Mizzi fost ohrajn permezz tal-bejgħ tal-punsjetti fi żmien il-Milied u t-Team Building Sessions waqt li appella lil dawk preżenti biex kull min ghandu xi ideat godda, jersaq u jitkellem.

Id-Direttur Ġenerali mbagħad għadda biex semma' l-proċessi u l-miżuri ta' simplifikazzjoni li qed joħorġu minn żmien għal żmien fosthom dawk l-aktar reċenti dwar iċ-ċertifikati tal-mard.

ikompli >

Minn paġna 6

# Ir-restawr tal-faċċata ta' Palazzo Ferreria

Lejn it-tmiem is-Sur Barbara tkellem dwar il-proġett ambizzjuż konness mar-restawr tal-faċċata tal-binja ta' Palazzo Ferreria u qal li din kienet ħolma kbira li saret realtà grazzi għas-Sur Mark Musù, is-Segretarju Permanenti, li ħa interess speċjali biex din, meqjusa fost l-isbaħ binjiet fil-kapitali, setgħet terġa' tingħata d-dinjità li jixirqilha grazzi għax-xogħol kbir li sar fuqha f'dawn l-aħħar snin.

Is-seminar imbagħad kompla b'mistieden speċjali li nġieb dakinhar dwar kif il-bniedem għandu jkollu f'kull jum ta' ħajtu, ftit ħin ta' kif jista' jistrieħ u jżomm saħħtu fl-aħjar kundizzjoni possibbli. Is-Sur Alfred Difesa qal kif permezz ta' ċerti eżerċizzji sempliċi li kull bniedem għandu jipprattika ta' spiss, jista' jnaqqas drastikament ir-riskju li jaqa' f'dipressjoni u/jew f'xi kundizzjoni oħra ta' mard.

Is-Sur Difesa semma l-importanza li aħna nisimgħu l-vuċi li għandna f'kull wieħed u waħda minna u naraw u nindirizzaw x'inhuma dawk il-bżonnijiet li ninħtieġu. Spjega kif ta' kuljum, minn moħħna jgħaddu xejn anqas minn sittin elf ħsieb li, madwar tmenin fil-mija minnhom aktarx ikunu negattivi.

Difesa wassal eżerċizzji żgħar u sempliċi lill-udjenza preżenti li faċilment jistgħu jkunu inklużi fl-iskeda ta' dak li aħna nagħmlu ta' kuljum.

Kienu mumenti fejn l-udjenza naqqset ftit mill-intensità tal-attenzjoni biex għaddiet għall-kumplament ta' dak li kien imhejji ghal matul il-gurnata.

Eżatt wara l-ħin tal-kafè l-udjenza setgħet tagħżel li tattendi sessjoni ta' Żumba, inkella li tassisti għal kunċert spettakolari mtella' minn Ozzy Lino u l-*band* tiegħu li ħolqu ambjent ferrieħi u ta' divertiment li ta gost lil kulħadd.

Tmiem l-attività laħaq il-qofol tiegħu b'ikla tajba għal dawk preżenti, wkoll bħala sens ta' apprezzament u rikonoxximent ta' dak li l-impjegati tagħna jagħmlu matul it-tnax-il xahar tas-sena.

Intant, l-attivitajiet komplew fil-jiem ta' wara bi tħawwil ta' siġar, seminar fil-Belt dwar il-Familja, u Quddiesa ċċelebrata minn Patri Franco Grech, Agostinjan, li saret fil-Kappella tal-Madonna tal-Vitorja fil-Belt Valletta.


Id-Direttur Ġenerali Grazio Barbara jindirizza s-seminar



***F'nofs Mejju 2018, għall-ewwel darba kienet imnedija Konferenza Nazzjonali f'Jum il-Familja. Dwar dan il-magażin 'Familja' talab il-kummenti tal-Onorevoli Michael Falzon, Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, dwar dawk l-elementi l-aktar fundamentali li ħarġu minn din il-Konferenza Nazzjonali, li kienet indirizzata wkoll mill-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Dr Marie-Louise Coleiro Preca.***

## Għall-Ewwel Darba

## Konferenza Nazzjonali dwar il-Familja

Din is-sena għall-ewwel darba laqqajna Konferenza Nazzjonali f'Jum il-Familja. Ġbarna flimkien għall-ewwel darba, persuni u professjonisti li jirrappreżentaw is-soċjetà tagħna sabiex jaqsmu l-esperjenza tagħhom, jitkellmu dwar ir-realtajiet li l-familji qed jiffaċċjaw, it-tipi differenti ta' familji li jeżistu, u aspetti oħra relatati.

Dan għamilnieh bi skop, dak li nifhmu aħjar x'inhuma dawk il-fatturi li jsaħħu l-familji u oħrajn li, għall-kuntrarju, iwasslu għad-diġenerazzjoni tagħhom.

Matul din il-konferenza smajna ideat diversi minn angoli differenti. Ħareġ biċ-ċar li l-miżuri tal-Gvern laqtu b'mod pożittiv lil diversi familji, ewlenin fosthom il-miżuri li jħeġġu lill-ġenituri jkomplu jaħdmu, speċjalment in-nisa.

Dawn, flimkien ma inċentivi bla preċedent biex il-mara tidħol lura fil-post tax-xogħol waqt li tista' sserraħ moħħha li t-tfal ikunu qed jinżammu f'*child care centres*, u dan kollu bla ħlas.

Smajna wkoll kif dawn iċ-ċentri għandhom jintużaw b'għaqal u mhux biss bħala post fejn jinżammu t-tfal sakemm il-ġenituri jmorru x-xogħol.

**Ikompli >**

*Minn paġna 8*

# Il-Konferenza Nazzjonali dwar il-Familja

## Irridu nassistu lil kull familja



**L-Onor. Michael Falzon**
*Ministru
għall-Familja, Drittijiet
tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

Jidher biċ-ċar li llum jeżisti iktar għarfien dwar it-tipi differenti ta' familja. M'hemmx familja perfetta u oħra le. Hemm diversità u aktar forom ġodda ta' familji, taħlit ta' kulturi, valuri u ħsibijiet.

Il-mira tagħna hija li nassistu kull familja, u bi pjaċir ngħid li kibru bla preċedent is-servizzi governattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-familja.

Iridu nifhmu aħjar ir-realtajiet ġodda, il-pressjoni fuq il-ġenituri, u anke fuq t-tfal nfushom. Dan il-Gvern jinsab kommess li jkompli jagħti l-appoġġ biex il-familji jsibu ħin flimkien u jrabbu l-uliedhom f'imħabba u paċi.

Nagħlaq bil-messaġġ *Charity starts at home*, u għalhekk il-familja għandha tipprovdi l-ewwel sisien sodi fil-formazzjoni t'uliedna li huma l-ġenerazzjoni t'għada.

Saħħa u sliem, **Michael Falzon**




L-udjenza ssegwi l-konferenza




Il-President ta' Malta


V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Il-Personalità tal-Magażin ‘Familja’

Il-personalità tal-magażin ‘Familja’ għal din il-ħarġa tal-ħarifa hi s-Sinjura Sandra Hili. Sandra għandha 41 sena, miżżewġa u toqgħod in-Naxxar. Attendiet l-iskola primarja tal-knisja ta’ Stella Maris f’Ħal Balzan u kompliet l-istudji tagħha fil-Junior Lyceum Sir Adrian Dingli. Hekk kif bdiet taħdem segwiet kors part-time mal-Università ta’ Middlesex fl-oqsma tal-IT u Networking fejn eventwalment gradwat fl-2012.



**Deskrizzjoni tal-karattru tiegħek?**
Persuna ferriħija, inħobb inkun mal-ħbieb u l-familja, imma darba kultant nieħu pjaċir ukoll noqgħod waħdi u niddedika naqra ħin għalija nnifsi. Persuna li nista’ nqis ruhi bħal, ftit nervuża imma malajr jgħaddili u tista’ tgħid, wara ftit ħin nerġa nikkalma.

**L-impenn attwali tiegħek fuq ix-xogħol?**
Nieħu ħsieb dak kollu li għandu x’jaqsam ma’ IT, speċjalment fejn jidħol xogħol u proġetti ta’ *Networks*.

**Isem il-ġenituri tieghek u l-ahwa?**
Missieri Emanuel, ommi Carmen u għandi erba’ aħwa; Chris, Sylvana, Manuel, u Alison. Jien it-tieni fost l-aħwa.




**Żwieġ u wlied?**
Jiena miżżewġa u għandi żewġt itfal. Carla li għandha għaxar snin u Jan li għandu erba’ snin.

**Sport jew passatempi?**
Ġiri u għawm.

**Impenji / Volontarjat / oħrajn?**
Bħalissa qegħda fi klabb tal-ġiri fejn iltqajt ma’ ħafna ħbieb ġodda li ta’ spiss mmorru niġru bħala grupp, speċjalment filgħodu kmieni. Nieħu wkoll ħsieb il-*website* tal-klabb.

**Kif tgħaddi jum tipiku bejn xogħol u familja?**
Nipprova nlaħħaq max-xogħol *full-time* u mal-familja billi niddedika l-ħin neċessarju għat-tnejn.

**Kif tgħaddi tmiem il-ġimgħa?**
Tmiem il-ġimgħa mal-familja billi mmorru fil-kampanja għal naqra arja pura fix-xitwa, u fis-sajf għall-baħar. Ovvjament ma jonqosx naqra ġiri wkoll filgħodu kmieni, qabel ma jqumu t-tfal.

**Ikompli >**


V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

*Minn paġna 10*

**L-ikla favorita tiegħek?**
Xi platt ghagin tajjeb.

**Pajjiżi li żort?**
Italja, Slovenja, Kroazja, Ingilterra, Las Vegas, Domenican Republic, Frankfurt u l-gżejjer tal-Karibew.

**L-isbaħ pajjiż li qatt żort u għaliex?**
L-aktar pajjiż li attirani kien Slovenja għaliex għoġobni ħafna l-ambjent, in-nies u l-ospitalità.

**Il-vjaġġ tal-ħolm tiegħek, destinazzjoni?**
Nixtieq ħafna nżur iċ-Ċina għaliex kultura kompletament differenti minn tagħna, apparti l-post li jgħidu li hu sabiħ ħafna.

**L-isbaħ jum f'ħajtek kien?**
Mingħajr l-ebda dubju, meta twieldu ż-żewġt itfal tiegħi.

**Esperjenza pożittiva li esperjenzajt?**
Meta din is-sena ġrejt l-ewwel maratona tiegħi ta' wieħed u ghoxrin kilometru fejn irnexxieli nlestiha sal-aħħar f'ħin ta' sagħtejn.

**Esperjenza mhux daqstant sabiħa?**
Kont qed insuq u daħal wieħed fis-sakra fil-karozza tiegħi. Il-karozza bid-daqqa ġiet *total loss*. Kien hemm oħti passiġġiera miegħi però l-Bambin ħabbna u ma ġralna xejn għajr li ħadna xokk kbir.

**Personalità Maltija li tammira?**
Huma tnejn. Ommi u missieri li rabbew lili u lil ħuti b'tant għożża, dedikazzjoni u b'ħafna paċenzja.

**Personalità barranija li tammira?**
Papa Franġisku li għaraf ikun persuna viċin in-nies, speċjalment dawk batuti u fost l-inqas ixxurtjati.

**Il-ħolma ta' ħajtek?**
Li nara t-tfal jirnexxu f'ħajjithom u li fuq kollox ikollhom ħajja serena u mimlija paċi u saħħa.



# Kompetizzjoni bi Premju
## GĦAT-TFAL

Agendabookshop

Kif intkom tfal?... Nittamaw li kellkom vaganzi tas-sajf mill-isbaħ u li ħadtu gost u striħajtu ftit mill-impenn tal-iskola u tax-xogħol tad-dar; però nispera li matul dawn ix-xhur ħsibtu biex tiddedikaw ftit ħin ukoll biex taqraw kotba sbieħ, kemm bil-Malti, kif ukoll b'lingwi oħra.

Kien għalhekk li ħsibt li l-kompetizzjoni tal-lum tkun proprju dwar dan. Li nixtiequ mingħandkom tfal, hu dan. Iktbulna l-ismijiet ta' tliet kotba li qrajtu tul il-btajjel tas-sajf u iktbu żewġ paragrafi biex fi ftit kliem tiddeskrivu it-tema jew l-istorja ta' ktieb milli qrajtu.

Ibagħtu r-risposti tagħkom permezz ta' e-mail ***familja.media@gov.mt jew fl-indirizz; Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali : Tonio Bonello : Corporate-Wide Media & Communications : 4th Floor : MFCS : Palazzo Ferreria : Triq ir-Repubblika : Valletta, sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 2 ta' Ottubru 2018.***

L-ewwel risposta tajba li tasal għandna se tkun qed tidher f'din il-paġna u min jorbaħ se jingħata żewġ kotba addattati għalikom it-tfal, ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Aġenda. Tistgħu ukoll tibagħtulna xi kummenti, suġġerimenti jew idejat oħra li tixtiequna li aħna nibdew ninkludu f'dan il-magażin tal-Familja. ***Tislijiet tfal.***




# Kompetizzjoni bi Premju
## GĦALL- KBAR

Kif intkom ħbieb?... Permezz tal-magażin, **'Familja'** qed inkomplu l-kampanja tagħna, **'Aqra Ktieb'.**

Dan bil-għan li aħna l-ġenituri nibdew, aħna stess, u nħajru lill-uliedna biex tal-anqas darba kull ħmistax inkunu qrajna ktieb. Hekk inħeġġu kultura ta' qari li hu l-mezz kif il-bniedem itejjeb l-għarfien tiegħu u jissaħħaħ f'aspetti ta' ħsieb u kreattività.

Il-kompetizzjoni tal-lum hi din. Iż-żmien sabiħ u għażiż tal-Milied riesaq ġmielu. Iktbulna ftit suġġertimenti (mhux anqas minn tlieta) dwar kif taħsbu li l-Milied jista' jerġa' jsir il-festa tal-familja u jkun ċelebrat b'mod sabiħ bejn il-ġenituri u t-tfal. L-aħjar suġġerimenti jidhru f'din il-paġna u l-persuna rebbieħa se tingħata żewġ kotba ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Aġenda.

Ibagħtu r-risposti tagħkom permezz ta' e-mail ***familja.media@gov.mt jew fl-indirizz; Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali : Tonio Bonello : Corporate-Wide Media & Communications: 4th Floor : Palazzo Ferreria : Triq ir-Repubblika : Valletta, sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru 2018.***

**"Reading is to the mind what exercise is to the body."** Joseph Addison

***Għażiż Sur Bonello,***

***Kif kont qed nifli l-fuljett SOLIDarity, rajt il-kompetizzjoni fil-Familja magażin dwar kif nistgħu nħajru 'l uliedna jaqraw iktar kotba. Tħajjart nagħti ftit suġġerimenti jien ukoll. Għandi tlett itfal, u jien u marti dejjem għamilna ħilitna biex lil uliedna nħajruhom iħobbu l-ktieb li uliedna kibru, nista' ngħid li t-tlieta saru jħobbu jaqraw.***



Huwa fatt li illum il-ġurnata, it-tfal iħobbu jqattgħu ħafna hin fuq il-komputer jew *mobile*. Xi ftit jew wisq dan itellef milli uliedna jsiru jħobbu jaqraw u wisq inqas, iħobbu l-kotba.

Jien u l-mara, sa minn meta uliedna kienu żgħar fl-età, konna mmorru l-librerija. Il-librerija hu post fejn barra li wieħed jesperjenza ftit mumenti fis-silenzju waqt li jkun qed ifittex u jifli fuq l-ixkafef x'kotba jappellaw għalih, hu post fejn it-tfal jistgħu jqattgħu ftit hin sabiħ.

Illum il-librerijі huma akkoljenti ħafna u huma *child friendly*, b'għadd ta' materjal ġmielu addattat għaż-żminijiet tal-lum. Wieħed jista' jsib varjetà ta' kotba sbieħ li jappellaw ħafna għat-tfal.

Żjara bil-familja lejn il-librerija tista' tgħin biex uliedna ma jaħlux ħin żejjed fuq xi *monitor* id-dar, filwaqt li jkun hemm iktar żmien biex il-familja tikkomunika iżjed flimkien.

"Il-ktieb huwa ħolma li żżomm f'idejk"..., jgħid Neil Gaiman. Kemm hi ħaġa sabiħa li qabel ma jorqdu t-tfal, speċjalment meta jkunu għadhom żgħar, il-ġenituri jaqraw xi storja sempliċi lil uliedhom. Jingħad li din il-prattika tgħin biex it-tfal jorqdu aħjar.

Skont riċerka li saret instab li din il-prattika, tgħin ukoll fil-*bonding* bejn il-ġenituri u t-tfal, kif ukoll tnaqqas l-ansjetà fl-ulied.

Hu ferm aħħjar li t-tfal jorqdu waqt xi rakkont ta' storja ħelwa milli jibqgħu jiċċettjaw fuq il-*mobile* jew kompjuter!

Kien hemm żmien meta lit-tfal konna nagħtuhom ktieb bħala rigal. Illum din il-ħaġa donna naqset ftit u naħseb li ħafna qed jixtru logħob elettroniku li jista' jintlagħab fuq xi komputer nghidu aħna.

Naħseb, xi ħaġa li tista' tgħin biex uliedna jsiru jħobbu jaqraw iktar hu li l-użanza ta' għoti ta' bħala rigal għandha terġa' tidħol fil-familji Maltin.

Il-ġenituri għandhom iħeġġu lil uliedhom jibnu librerija żgħira fil-kamra tagħhom stess. Din tista' tgħin biex it-tfal irabbu sens ta' mħabba lejn il-kotba.

Il-ktieb jista' jkun "ħabib" tat-tfal. "M'hemm l-ebda ħabib lejali daqs kemm jista' jkun lejali ktieb", jgħid Ernest Hemingway.

Hu tabilħaqq li ktieb jista' jkun ħabib. Tista' tieħdu miegħek fejn trid u taqra minnu meta trid. Il-ktieb jista' jkun kumpann ideali, kemm għall-kbar, kif ukoll għal uliedna.

Huwa tajjeb fil-fehma tiegħi, li ndaħħlu fil-mentalità ta' uliedna li ktieb tajjeb jista' jgħinna għal kwalità ta' ħajja aħjar.

Ikompli >


V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

Minn paġna 13

Huwa magħruf li l-qari jgħin biex wieħed jikseb aktar għarfien u ideat. Il-logħob bil-komputer jew *mobiles* ma tantx jagħtu spazju lit-tfal tagħna jkunu aktar kreattivi.

Dan, filwaqt li skont esperti, jingħad li l-qari jgħin ħafna lit-tfal biex jiżviluppaw aħjar u jkunu aktar originali fil-kreattività u l-ideat tagħhom.

Fl-aħħar nett, wieħed irid jenfasizza u jfakkar li l-eżempju jkaxkar u allura l-ġenituri għandhom jagħtu eżempju tajjeb lil uliedhom.

Dan billi huma stess ikunu jħobbu jaqraw u kemm jista' jkun ma jqattgħux ħafna hin żejjed fuq komputers.

B'hekk uliedna jkunu qed jieħdu eżempju tajjeb billi huma wkoll jitħajru jaqraw u jsiru jħobbu dejjem aktar il-kotba.

Tislijiet,
***Leonard Zerafa***




*Is-Sur Leonard Zerafa, Senior Officer mal-Awtorità tad-Djar qed jiġi ppreżentat bil-premju ta' kotba mis-Sur Tonio Bonello, Information & Communications Executive - Corporate-Wide Media & Communications MFCS, grazzi għall-isponsors uffiċjali ta' dawn il-paġni, Agenda Bookshops*




## L-ittra rebbieħa kompetizzjoni Tfal

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni "Kampanja Aqra Ktieb" tal-ħarġa li għaddiet fil-kategorija tat-tfal din id-darba kien Luca Bonavia mill-Fgura. Luca g\andu tlettax-il sena u jattendi fil-Kulleġġ De La Salle.

*Fost is-suġġerimenti Luca qalilna kif Malta u Għawdex jistgħu jidhru aħjar jekk jinżammu aktar nodfa u jkollna fihom ħafna siġar u fjuri. It-tieni suġġeriment kien biex issir kampanja biex il-kbar u ż-żgħażagħ jagħmlu aktar użu mir-roti bħala mezz ta' trasport, u hekk ikun qed jonqos it-tniġġiż li qed iħalli f'ħafna traffiku li hawn.*

*Dwar il-belt Valletta, Luca jixtieq li jibdew ikunu organizzati xi attivitajiet għall-kbar, kif ukoll għat-tfal fil-kapitali tagħna. Kompla li jekk dawn ikunu jinkludu lill-ġenituri wkoll ikun tant aħjar. Luca jħoss li xi attivitajiet minn dawn għandhom isiru bl-Ingliż biex dawk li jkunu qed iżuru 'l pajjiżna, jkunu jistgħu jipparteċipaw ukoll.*

*Luca Bonavia kien ippreżentat bil-premju ta' żewġ kotba addattati għat-tfal, grazzi dejjem lil Aġenda Bookshops li għoġobhom jisponsorjaw dawn il-kompetizzjonijiet. Nieħdu din l-opportunità biex inħeġġu lilkom tfal biex tinteressaw ruħkom dejjem aktar fil-qari u fil-kotba, kif ukoll biex tieħdu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet b'ċans li intom ukoll tkunu rebbieħa ta' kotba sbieħ.*

# Il-Programm ta' Attivitajiet f'SVP

## Ottubru : Novembru : Diċembru



**Ronald Zaffarese**
*Koordinatur AAU*
*Residenza SVP Luqa*

Merħba. Minn din il-paġna f'kull edizzjoni ta' 'Familja' qed inwasslu l-programm ta' attivitajiet għall-anzjani tar-Residenza San Vincenz De Paule bbażata fuq it-tliet xhur li jkunu ġejjin. Qed inwasslu wkoll xi attivitajiet li se jsiru f'Settembru. Peress li dan hu programm fit-tul, jista' jkun li xi attivitajiet ma jkunux għadhom ġew skedati u allura ma jkunux qed jidhru hawn.

Minkejja dan qed nagħmlu minn kollox biex sal-aħħar data qabel din ir-rivista tasal għandkom, inkunu kemm jista' jkun preċiżi dwar avvenimenti fuq ġewwa kif ukoll fuq barra li jkunu se jsiru għalikom l-anzjani.

Bħas-soltu ninfurmaw li ta' kuljum fl-10.15 ta' filgħodu l-anzjani residenti jittieħdu l-knisja ta' SVP għall-Quddiesa. Kuljum ukoll wara nofsinhar, bi skeda jkunu offruti servizzi u attivitajiet diversi. Fost dawn, logħob tat-tombla, *board games*, *reminiscence*, qari, tpinġija, komunikazzjoni, sport, mużika, ċinema, *crosswords*, *crafts*, u issa wkoll, *chair exercise*.

**SETTEMBRU**

**19, 22, 26, 29 > Ħarġa l-Buskett: 09.00am**

**OTTUBRU**

**03, 10, 17, 24, 31 > Ħarġa l-Buskett: 09.00am**

**06, 13, 20 > Ċinema fit-Teatru SVP: 10.ooam**

**NOVEMBRU**

**03, 10, 24 > Ċinema fit-Teatru SVP: 10.00am**

**07, 14, 21, 28 > Ikla mal-anzjani barra minn SVP : 11.00am**

**DIĊEMBRU**

**01, 12 > Ċinema fit-Teatru SVP: 10.00am**

**18, 19 > Festini tal-Milied ghar-Residenti**




Mezz ġdid kif tkellimna ⇩

familja.media@gov.mt



Ftit Sustanza

# Il-Familja : Benniena ta' soċjetà b'saħħitha



George Zammit
*Lajk u Missier ta' Familja*

Kull familja, Ġejja minn fejn Ġejja hija l-ewwel ċellola ħajja tas-soċjetà. X'nifhmu bil-kelma"Familja"?

Ħadd ma jista' jagħti definizzjoni korretta tagħha għajr l-istess membri li jgħixu l-identità, il-missjoni u l-vokazzjoni fit-tajjeb u fil-ħażin f'dik il-familja stess.

Fil-passat il-familja Maltija kienet mibnija fuq pedamenti importanti magħrufa, bħal: ubbidjenza, għaqal, imħabba, paċi, ġabra, ftehim, reliġjon u rispett.

Dawn kienu l-qofol tal-ħajja bejn il-koppji miżżewġa. Kienu wkoll sinjal ta' barka. Kienu ta' ġid għall-ulied, kif ukoll għal kull membru f'dik il-familja, saħansitra anke għall-istess soċjetà.



Biex familja tinbena fuq pedamenti sodi jeħtieġ li l-ġenituri jkunu l-ewwel u l-aqwa għalliema tal-paċi, għax huma fid-dmir li jiżirgħu fil-qalb ta' wliedhom żerriegħa tajba biex ikunu ta' ġieħ f'diversi modi fis-soċjetà skont kif jiġu msejħa fil-futur.

Però dan m'huwiex possibli jekk fil-ħajja matrimonjali ma jkunx hemm il-preżenza qawwija ta' Ġesù li jidħol fil-qalba ta' kull familja umana, biex hu jkun it-tmun fil-ġrajjiet imħallta u diffiċli li jsehhu minn żmien għall-ieħor.

Fid-dar fejn tgħix familja soda nsibu l-elementi fundamentali ta' ġustizzja u mħabba bejn il-membri kollha.

Għalhekk hija mistmerra bil-bosta kull vjolenza fi ħdan familja, għax iż-żgħar qatt ma jistgħu jgawdu dik it-togħma ġenwina ta' paċi fi ħdan il-bejta matrimonjali.

Infittxu li fil-familji tagħna jkun hemm ambjent nisrani, l-aktar permezz ta' mumenti qosra ta' talb flimkien. Ikun hemm inkoraġġiment għal servizzi ta' *counselling* minn numru ta' professjonisti mħarrga f'dan ir-rigward.

Noħolqu aktar ħin liberu. Nieħdu sehem f'attivitajiet sportivi, f'aktar animazzjoni għat-tfal u *workshops* bi ftit spazju ta' djalogu.

Ikompli >



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

Minn paġna 16 >

# Formazzjoni u Edukazzjoni Umana




Il-familja tgħaddi minn tbatijiet, eżilju, persekuzzjoni u kriżijiet imħallta f'kull żmien. Dan jista' jwassal biex membri ta' familja jkunu ta' piż jew falliment fl-istess familja, u dan b'dannu kbir għas-soċjetà.

Għalhekk il-missjoni prinċipali tal-familja f'dan ir-rigward trid tkun biex tibni post privileġġat għall-formazzjoni u l-edukazzjoni umana. Kull familja trid tiżra żerriegħa f'ħamrija fertili fejn jinbtu persuni ġusti, pożittivi, twajba u mimlija tama lejn futur aħjar għall-pajjiżna.

Kull familja trid tibża' għall-valuri umani li jgħinu lill-ulied jikbru f'persuni maturi u li kapaċi jieħdu deċiżjonijiet importanti f'hajjithom b'sens ta' responsabbilta' ghall-pajjizna.

Illum, aktar minn qatt qabel, qegħdin inkunu involuti fil-ħarsien tat-tfal, f'servizz li jassigura li t-tfal ikunu protetti u li jgħixu f'ambjent li jhares l-iżvilupp taghhom.

L-għanijiet ta' servizz biex it-tfal taghna jikbru u jiżviluppaw 'il bogħod minn kull riskju u tip ta' abbuż, iwasslu sens ta' responsabbiltà mhux għall-ġenituri biss, imma wkoll għan-nanniet, l-għalliema fl-iskejjel, edukaturi, u kull min huwa responsabbli li jġorr din il-fjamma fis-soċjetà b'sagrifiċċju u b'impenn.

Il-potenzjal edukattiv tal-medja għandu r-responsabbiltà wkoll li jqanqal rispett lejn il-familji tagħna billi jkun pożittiv u ċar dwar is-sbuħija u l-għaqda matrimonjali.

F'dan l-ambjent, flimkien nistgħu naslu biex f'pajjiżna ma jkollniex familji magħluqin, imma miftuħin, li quddiemhom jaraw xefaq wiesa' u minn fosthom jinbtu ċittadini Nsara u onesti b'sentimenti ta' paċi, għaqda, sliem, saħħa, sigurtà u progress sħiħ u veru lejn il-gżejjer sbieħ tagħna.




Agħti d-Demm
**Għada, tista' tkun Int...**
Żur iċ-Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm fi Gwardamangia mit-Tnejn sal-Ħadd mit-8.00am sas-6.00pm inkluż Festi Pubbliċi. Aktar tagħrif?... Ċempel Freephone > 8007 4313

*Fil-bidu tal-Mejju 2018, is-Segretarju Permanenti Ewlieni s-Sur Mario Cutajar ħabbar f'konferenza tal-aħbarijiet numru ta' Key Performance Indicators ġodda għas-Servizz Pubbliku. Dawn il-KPIs hemm 2 li jappartjenu lill-Ministeru tagħna. Wieħed minnhom hu t-twaqqif ta' One-Stop Shop Hub fejn dan il-Ministeru joffri s-servizzi tiegħu lill-pubbliku taħt saqaf wieħed, l-aktar immirat għal persuni li jkunu f'sitwazzjoniijet vulnerabbli.*




# Ċentru Servizz Familja

## 'Familja' titkellem ma' Anton Cesare Direttur għas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija

Dan il-One-Stop Shop mhuwiex l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu. Fl-istess konferenza stampa tħabbru t-twaqqif ta' One-Stop Shops oħra fosthom wieħed għall-bżonnijiet tal-uffiċjali pubbliċi stess li diġà qed jiffunzjona.

Il-One-Stop Shop tal-Ministeru taghna ngħata l-isem ta' ĊENTRU SERVIZZ FAMILJA fejn dan jixhed l-impenn tagħna li nagħtu servizz ta' kwalità lill-familja fid-diversi forom tagħha.

Ċentru Servizz Familja se jiftaħ il-bibien tiegħu bejn Ottubru u Novembru li ġej f'Horn Works Ditch fil-Floriana. Sa ftit ilu din il-binja kienet tintuża minn Transport Malta.

Kien jenħtieġ investiment qawwi fil-binja fejn huwa stmat li se jlaħħaq ftit aktar minn €400,000.

Bħalissa għaddejjin diversi xogħlijiet fuq it-tieni fażi tal-proġett li mistennija jitlestew fil-ġimgħat li ġejjin. Ċentru Servizzi Familja se jkun attrezzat biex il-pubbliku jkun moqdi ahjar f'ambjent aċċessibbli, sabiħ u komdu.

Kif diġà ntqal aktar 'il fuq l-għan tal-One-Stop Shop huwa biex il-pubbliku jinqeda taħt saqaf wieħed.

Fil-verità, il-Ministeru u l-Aġenzija Servizz. Gov, se jaħdmu id f'id biex jingħata servizz fil-pront u ta' kwalità.

L-aġenti tal-Aġenzija Servizz. Gov se jkunu l-ewwel persuni li se jagħtu infomazzjoni jew tweġibiet għall-mistoqsijiet bażiċi tal-klijenti. L-aġenti tal-Ministeru se jkunu hemm biex iwieġbu domandi ta' natura aktar teknika.

**Il-One-Stop Shop kif kien f'Lulju 2018**

Ikompli >






V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

## Ċentru Servizz Familja meta jiftaħ bejn Ottubru u Novembru

**Minn paġna 18**

*Ġew identifikati 4 setturi li jinkludu l-akkomodazzjoni soċjali b'aġent mill-Awtorità tad-Djar, sigurtà soċjali b'żewg aġenti mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, is-servizzi tal-welfare bl-Aġenzija Appoġġ u Sedqa taħt il-kappa tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali b'aġent wieħed. Ma' dawn hemm l-Aġenzija Sapport, il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u d-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità b'aġent wieħed.*




Bħalissa għaddej it-taħriġ ta' dawn l-aġenti li huwa mqassam fuq massimu ta' tmien ġimgħat.It-taħriġ qed ikun koordinat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-istess Ministeru.

Kull aġent qed jingħata kors ta' *induction* kif ukoll *workplace orientation* fid-diversi taqsimiet fis-settur partikulari li jkun ingħata.

It-taħriġ qed isir minn numru ta' persuni b'ħafna snin ta' esperjenza ta' kuntatt mal-pubbliku u li jaħdmu fl-entitajiet u d-dipartiment tal-Ministeru.

Fl-istess waqt qed jitfassal *Quality Service Charter* li se jinkludi diversi *standards* fl-oqsma tas-servizz bl-enfasi fuq il-kwalità tar-relazzjoni mal-klijent, il-kwalità ta' servizzi offruti, kif ukoll it-tul ta' żmien li klijent fih jista' jiġi moqdi.

Apparti dan kollu, il-Ministeru u l-Aġenzija Servizz. Gov flimkien, se jiffirmaw *Service Level Agreement* biex jassiguraw li jintlaħqu l-miri kif se jkunu imniżżlin fil-*Quality Service Charter*.

Kif diġà ntqal aktar qabel f'dan l-artiklu iċ-Ċentru Servizz Familja se jiftaħ il-bibien tiegħu f'Ottubru li ġej. Il-ħinijiet tal-pubbliku huma konvenjenti u se jkunu mit-Tnejn sas-Sibt mit-8.00 sas-1.00 ta' waranofsinhar, kif ukoll l-Erbgħa filgħaxija mill-5.00 sas-7.30 is-sena kollha.

Dan kollu qed isir biex jintlaħqu x-xewqat u l-ħtiġijiet tal-klijenti tal-Ministeru. Is-suċċess ta' dan iċ-Ċentru jiddependi biss mill-ħiliet tal-ħaddiema tagħna u fuq kemm aħna lesti li nagħrfu noffru servizz fil-pront u ta' kwalità. Huwa dan l-impenn li se nagħmlu u li rridu nżommu għall-ġejjieni.






# L-Ewwel Sena ta' Ħidma

## It-Taqsima Corporate-Wide Media & Communications tal-MFCS



Proprju fl-ewwel ta' Ottubru 2017, sena ilu, fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali twaqqaf l-ewwel *Corporate-Wide Media & Communications Office*.

Dan l-uffiċċju jinsab fir-rabà sular ta' Palazzo Ferreria b'entratura li tinsab fi Triq l-Ordinanza, fil-belt Valletta. L-ewwel impenn kien dak fiżiku, jiġifieri li jinstab l-ispazju xieraq minn fejn topera din it-taqsima. L-uffiċċju nagħta dehra radikalment ġdida u saret talba biex jinġieb l-apparat meħtieġ bil-għan li tkun tista' tiġi implimentata l-ewwel fażi ta' dan il-proġett.

It-tieni fażi kienet dik li tibda r-riċerka, l-istudju, intervisti u stħarriġ biex eventwalment bdiet tiġi mfassla strateġija u tinkiteb. Dan kien proċess delikat ħafna u li kien jitlob ħafna analiżi u ħsieb fuq dak kollu li jagħmel lill-istess Ministeru, jiġifieri, mill-ambjent fiżiku (dak kollu madwarna) sal-individwu nnifsu, qabel xejn bħala persuna, imbagħad bħala impjegat tagħna.

Ma jistax ikollok struttura li tindirizza l-bżonnijiet tal-pubbliku u tassigura ċertu serħan il-moħħ, konvenjenza u servizz effiċjenti jekk qabel xejn ma narawx il-bżonnijiet ta' dawk stess madwarna, il-kollegi tagħna u l-familji tagħhom, kif ukoll tagħna nfusna. L-istrateġija ta' Komunikazzjoni Korporattiva għall-Ministeru damet tinkiteb madwar sitt xhur fejn issa bdiet il-fażi ta' diskussjoni u negozjati biex effettivament tkun approvata.



# Josephine Vella : Awguri

## Ittemm hidmietha bl-età tal-Irtirar

Wasal il-jum li s-Sa Josephine Vella tilħaq l-età pensjonabbli u eventwalment tirtira mix-xogħol li kien tant għal qalbha.

Kif stqarrew diversi kollegi qrib tagħha, dan iż-żmien tal-irtirar għal Josephine hu mistħoqq immensament għas-sehem kbir tagħha li hija tat fil-qasam tas-sigurtà soċjali ta' pajjiżna.

Għal din l-okkażjoni, il-Ġimgha 8 ta' Ġunju, kienet organizzata ikla ta' ċelebrazzjoni bhala rikonoxximent ta' dak kollu li għamlet Josephine matul is-snin li ħadmet f'dan id-Dipartiment.

Bi pjaċir ninfurmaw ukoll li l-ħarġa li jmiss tal-magażin 'Familja' se tkun qed tiddedika l-paġni tal-Intervista proprju għal profil estensiv ta' Josephine Vella u l-ħajja tagħha.

F'isem l-amministrazzjoni u l-istaff tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, kif ukoll f'isem il-familja u l-ħbieb tagħha, nawguraw għomor twil, ħafna saħħa, paċi u kuntentizza lis-Sa Josephine Vella.